# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

7 ta' Ġunju 2007 *

Fil-kawża C-362/05 P,

li għandha bħala suġġett appell taħt l-Artikolu 56 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, imressaq fit-23 ta' Settembru 2005,

**Jacques Wunenburger,** irrappreżentat minn E. Boigelot, avocat,

rikorrent,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

**Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej,** irrappreżentata minn J. Currall u G. Berscheid, bħala aġenti, assistiti minn V. Dehin, avocat, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta fl-ewwel istanza,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn K. Lenaerts (Relatur), President ta' l-Awla, R. Silva de Lapuerta, G. Arestis, J. Malenovský u T. von Danwitz, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,
Reġistratur: R. Grass,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-15 ta' Frar 2007,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 Bl-appell tiegħu, J. Wunenburger jitlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tal-5 ta' Lulju 2005, Wunenburger vs Il-Kummissjoni (T-370/03, ĠabraFP p. I-A-189 u II-853, iktar 'il quddiem is-"sentenza kkontestata"), li permezz tagħha din ċaħdet ir-rikors tiegħu għal annullament ta' tliet deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej mogħtija fil-kuntest ta'

proċedura ta' ħatra (iktar 'il quddiem, flimkien, id-"deċiżjonijiet ikkontestati"). Permezz ta' dawn id-deċiżjonijiet, il-Kummissjoni, fil-kapaċità tagħha ta' Awtorità bis-Setgħa ta' Ħatra (iktar 'il quddiem l-"AIPN"), ħatret kandidat ieħor u rrifjutat il-kandidatura tar-rikorrent kif ukoll l-ilment tiegħu.

## Kuntest Ġuridiku

2 L-Artikolu 7(1) tar-Regolamenti ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-każ preżenti (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti"), jipprovdi:

"L–[AIPN] għandha, waqt li taġixxi biss fl-interess tas-servizz u mingħajr każ tan-nazzjonalita', tassenja kull uffiċjal b'ħatra jew trasferiment għall-post fil-kategorija jew servizz tiegħu li jikkorrispondu mal-grad tiegħu.

[...]"

3 It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 25 tar-Regolamenti jipprovdi:

"Kull deċiżjoni relatata ma' individwu speċifiku li tittieħed taħt dawn ir-Regolamenti tal-Persunal għandha tkun ikkomunikata minnufih bil-miktub lill-uffiċjal konċernat. Kull deċiżjoni li taffettwa ħażin uffiċjal għandha tagħti ir-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata."

4 L-Artikolu 29(1) tar-Regolamenti jipprovdi:

"Qabel ma jimtela post battal f'istituzzjoni, l-[AIPN] għandha l-ewwel tikkunsidra:

(a) jekk il-post jistax jimtela minn promozzjoni jew trasferiment minn ġewwa l-istituzzjonijiet;

[...]

u mbagħad issegwi l-proċedura għall-kompetizzjonijiet fuq il-bażi jew tal-kwalifiki jew ta' l-eżamijiet, jew ta' kwalifiki kif ukoll l-eżamijiet. L-Anness III jippreżenta l-proċedura tal-kompetizzjoni [...]"

5 L-Artikolu 45(1) tar-Regolamenti jipprovdi:

"Promozzjoni għandha tkun b'deċiżjoni ta' l-[AIPN]. Tkun effettwata b'ħatra ta' l-uffiċjal għall-grad aktar għoli li jmis fil-kategorija jew is-servizz li miegħu jappartjeni. Il-promozzjoni għandha tkun esklussivament bl-għażla fost l-uffiċjali li għamlu perjodu minimu fil-grad tagħhom, wara konsiderazzjoni tal-meriti komparabbli ta' l-uffiċjali eliġibbli għal promozzjoni u tar-rapporti dwarhom.

[...]"

**Il-fatti li wasslu għall-kawża**

6 Fid-19 ta' Settembru 2002, il-Kummissjoni ppubblikat l-avviż ta' post battal COM/138/02 (iktar 'il quddiem l-"avviż ta' post battal") biex jimla' l-post ta' direttur, fil-grad A 2, għat-tmexxija tad-Direttorat C "Afrika, Karibew, Paċifiku" fi ħdan l-Uffiċċju tal-Kooperazzjoni EuropeAid. L-avviż ta' post battal irrefera għall-attivitajiet segwenti, jiġifieri, l-assigurazzjoni tat-tmexxija effiċjenti tal-proġetti u tal-programmi matul il-post, li tibda mill-identifikazzjoni tal-persuna sa l-evalwazzjoni finali tagħha, kif ukoll tal-preparazzjoni u tas-superviżjoni tal-proċess ta' kontroll konġunt mad-delegazzjonijiet ta' l-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku. Esperjenza vasta fit-tmexxija tal-persunal, kapaċità għat-tmexxija, ta' mobilizzazzjoni u ta' superviżjoni ta' unitajiet kbar kif ukoll l-abbiltà ta' definizzjoni tal-prioritajiet u tal-komunikazzjoni kienu elementi rekwiżiti.

7 Ir-rikorrent, f'dak iż-żmien uffiċjal fil-grad A 3 fi ħdan id-Direttorat-Ġenerali "Affarijiet Esterni" u kap tad-delegazzjoni tal-Kummissjoni fil-Kroazja, fis-27 ta' Settembru 2002, flimkien ma' disa' kandidati ġodda, applika għal dan il-post.

8 Wara li kellu intervista ma' kull kandidat, id-Direttur Ġenerali ta' l-Uffiċċju għal Kooperazzjoni EuropeAid (iktar 'il quddiem id-"direttur ġenerali"), permezz ta' nota tat-18 ta' Novembru 2002 (iktar 'il quddiem "in-nota tad-direttur ġenerali"), informa lid-Direttorat-Ġenerali tal-Kummissjoni "Persunal u Amministrazzjoni" li kklassifika lill-kandidati f'żewġt igruppi. L-ewwel grupp kien kompost minn sitt kandidati li huwa kkunsidra "kapaċi li jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom fil-post li għalih sar l-avviż li [...] issodisfaw ir-rekwiżiti kemm ta' l-eżiġenzi kif ukoll ta' l-isfidi tal-post li għalih sar l-avviż". Ir-rikorrent kien jifforma parti mit-tieni grupp.

9 Sussegwentement, il-kumitat konsultattiv tal-ħatriet (iktar 'il quddiem is-"CCN") ippubblika lista' ta' sitt kandidati, li kienu jikkorrispondu għall-ewwel grupp skond kif imniżżel fin-nota tad-direttur ġenerali. Is-CCN, f'opinjoni tat-12 ta' Diċembru 2002, sostna li erba' kandidaturi, inkluża dik tas-Sur Naqvi, setgħu jittieħdu in kunsiderazzjoni għal proċedura ta' selezzjoni li kien imiss. Fit-8 ta' Jannar 2003, il-Kummissjoni, fil-kapaċità tagħha ta' AIPN, iddeċidiet li taħtar lis-Sur Naqvi għall-post li għalih sar l-avviż (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' ħatra").

10 Permezz ta' ittra tal-11 ta' Marzu 2003, ir-rikorrent ġie infurmat li l-kandidatura tiegħu ma ġietx aċċettata għall-post li għalih sar l-avviż (iktar 'il quddiem "id-deċiżjoni taċ-ċaħda tal-kandidatura"). Fit-2 ta' April 2003, huwa ressaq kontestazzjoni indirizzata kontra d-deċiżjoni ta' ħatra. Deċiżjoni ta' ċaħda ta' din il-kontestazzjoni ttieħdet fl-14 ta' Lulju 2003 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' ċaħda tal-kontestazzjoni").

11 Permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Marzu 2004, b'effett mil-1 ta' April 2004, il-Kummissjoni, fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 50 ta' l-istatut, iddeċidiet li tirtira lis-Sur Naqvi mill-post tiegħu. Sussegwentement, infetħet proċedura ġdida ta' selezzjoni (iktar 'il quddiem it-"tieni proċedura ta' selezzjoni") li għaliha applika r-rikorrent. Il-kandidatura tiegħu ma ntlaqgħetx u huwa ma kkontestax ir-riżultat ta' din it-tieni proċedura ta' selezzjoni.

## L-appell quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u s-sentenza kkontestata

12 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-5 ta' Novembru 2003, ir-rikorrent ressaq appell li bih talab l-annullament tad-deċiżjonijiet ikkontestati.

13 Il-Kummissjoni sostniet li ma kienx hemm lok għal deċiżjoni, u sussidjarjament, li għandhom jiġu miċħuda t-talbiet tar-rikorrent.

14 Il-Kummissjoni sostniet li r-rikors kien sar bla skop minħabba l-irtirar mill-post li kien jokkupa s-Sur Naqvi, u l-bidu tat-tieni proċedura ta' selezzjoni, li pparteċipa fiha r-rikorrent u li, għaldaqstant, huwa ma kellux interess li jaġixxi iżjed.

15 Il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet il-talbiet tal-Kummissjoni li kienu jsostnu li ma kienx hemm lok għal deċiżjoni.

16 Il-Qorti tal-Prim'Istanza, minn naħa, iddeċidiet li l-kawża kienet żammet l-iskop tagħha għar-raġuni li d-deċiżjoni ta' ħatra kienet baqgħet effettiva sa l-1 ta' April 2004 u li d-deċiżjoni ta' ċaħda tal-kandidatura kienet għadha tipproduċi effetti.

17 Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Prim'Istanza qieset, filwaqt li rreferiet għas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' April 1988, Apesco vs Il-Kummissjoni (207/86, Ġabra p. 2151, punt 16), u tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-24 ta' Settembru 1996, Marx Esser u Del Amo Martinez vs Il-Parlament (T-182/94, ĠabraSP p. I-A-411 u II-1197, punt 41), li r-rikorrent kellu interess li jikseb sentenza li tikkonċerna l-legalità tal-proċedura ta' selezzjoni f'dan il-każ, sabiex l-illegalità allegata ma tirrepetix ruħha fil-kuntest ta' proċedura simili fil-futur.

18 In sostenn tar-rikors tiegħu għal annullament, ir-rikorrent irrileva, permezz ta' l-ewwel motiv, li l-Kummissjoni kienet kisret it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 25 tar-Regolamenti, peress li ma mmotivatx iċ-ċaħda tal-kontestazzjoni.

19 Il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet l-ewwel motiv billi sostniet, fil-punti 28 sa 35 tas-sentenza kkontestata, li r-raġunijiet tad-deċiżjoni ta' ċaħda tal-kontestazzjoni jippermettu li tinftiehem il-bażi essenzjali ta' l-imsemmija deċiżjoni u li jiġi evalwat jekk il-kundizzjonijiet li jeżiġu r-Regolamenti dwar ir-regolarità tal-proċedura ta' selezzjoni ġewx irrispettati.

20 Permezz tat-tieni motiv, ir-rikorrent invoka l-ksur ta' l-Artikoli 7, 29(1)(a) u 45(1) tar-Regolamenti kif ukoll il-ksur tal-prinċipji ta' l-aspettattiva leġittima, tat-trattament ugwali u dak ta' l-għażla għal karriera.

21 Dan it-tieni motiv ġie wkoll miċħud mill-Qorti tal-Pim'Istanza li kkunsidrat, l-ewwel nett, fil-punti 51 sa 60 tas-sentenza kkontestata, li l-parteċipazzjoni tad-direttur ġenerali fil-proċedura ta' selezzjoni ma kinitx tikkostitwixxi, waħedha, irregolarità u ma kinitx taffettwa l-indipendenza tas-CCN. Barra minn hekk, il-proċedura ma ġġeneratx diskriminazzjoni kontra r-rikorrent. Il-Qorti tal-Prim'Istanza rrilevat li l-kriterji implementati fid-deċiżjoni ta' ċaħda tal-kontestazzjoni dehru fl-avviż għall-post battal u li, f'kull każ, dawn l-eżiġenzi kienu inerenti f'kull post fi grad A 2. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Prim'Istanza qieset li t-terminu "sfidi tal-post", li dehru fin-nota tad-direttur ġenerali, ma kellhomx ikunu mkabbra.

22 Fil-punti 61 sa 83 tas-sentenza kkontestata, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat, it-tieni nett, li s-Sur Naqvi kien jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha mitluba fl-avviż għall-post battal u li l-AIPN ma wettqitx żball manifest ta' evalwazzjoni meta għażlet lil dan il-kandidat.

## It-talbiet tal-partijiet

23 J. Wunenburger jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiddikjara l-appell tiegħu ammissibbli;

— tannulla s-sentenza kkontestata;

u, billi tiddeċiedi mill-ġdid,

— tannulla d-deċiżjoni tal-ħatra;

— tannulla d-deċiżjoni taċ-ċaħda tal-kandidatura;

— tannulla d-deċiżjoni ta' ċaħda tal-kontestazzjoni;

— tiċħad l-appell inċidentali mressaq mill-Kummisjoni bħala inammissibbli, jew, almenu, mhux fondat;

— tordna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż.

24 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Prim'Istanza jogħġobha:

— prinċipalment, tiddikjara l-appell inċidentali ammissibbli u fondat u, konsegwentement, tannulla s-sentenza kkontestata safejn din tiċħad it-talbiet intiżi li ma kienx hemm lok għal deċiżjoni, ippreżentati fl-ewwel istanza;

— tiddeċiedi fuq l-ispejjez skond il-liġi;

— sussidjarjament, tiċħad l-appell bħala inammissibbli jew, almenu, mhux fondat;

— tordna lil J.Wunenburger ibati l-ispejjeż ta' dan l-appell.

**Fuq l-appell inċidentali**

25 Peress illi hemm lok li jiġi indirizzat l-appell prinċipali biss jekk il-Qorti tiċħad l-appell inċidentali tal-Kummissjoni, għandu l-ewwel nett jiġi indirizzat l-appell inċidentali.

*L-argumenti tal-partijiet*

26 In sostenn ta' l-appell inċidentali tagħha, il-Kummissjoni tirrileva, l-ewwel nett, li l-Qorti tal-Prim'Istanza kellha tibbaża ruħha fuq il-kunsiderazzjoni purament ipotetika tal-prevenzjoni ta' illegalitajiet eventwali oħra ta' l-istess natura fil-futur sabiex tikkonstata jekk ir-rikorrent kellux interess li jaġixxi.

27 Il-Kummissjoni tfakkar, f'dan ir-rigward, li r-rikorrent jikkontesta r-rwol tad-direttur ġenerali fil-preselezzjoni tal-kandidati. Madankollu, hawnhekk hemm ċirkustanza purament fattwali li ma tistax tirriproduċi ruħha f'kawża oħra. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza interpretat b'mod eċċessiv ir-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Apesco vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il quddiem, għaliex il-każ preżenti, jiġifieri att ta' ħatra, ma kellux il-karatteristika ta' rikorrenza mekkanika mitlub.

28 It-tieni nett, il-Kummissjoni ssostni li, minkejja li kellu interess indiskutibbli li jaġixxi kontra d-deċiżjoni li kienet indirizzata lilu matul it-tieni proċedura ta' selezzjoni, ir-rikorrent ma kienx aġixxa, u pprefera jkompli jaġixxi fil-kawża li wasslet għas-sentenza kkontestata. Skond il-Kummissjoni, fil-kuntest tal-kawża preżenti, dan huwa abbuż tal-proċedura li l-Qorti tal-Prim'Istanza kellha tikkonstata meta ddeċidiet li ma kienx hemm lok għal deċiżjoni.

29 Madankollu, fin-nota supplimentari għall-appell inċidentali, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li wettqet żball meta ssuġġeriet li kellu jkun ir-rikorrent li jitlob l-annullament tad-deċiżjonijiet tan-ħatra li ttieħdu matul it-tieni proċedura ta' selezzjoni, minħabba li din kienet diġà naqqset in-numru ta' diretturi u ttrasferixxiet direttur mill-istess Direttorat Ġenerali sabiex jimtela l-post battal tas-Sur Naqvi, b'applikazzjoni tas-setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa li hija għandha fir-riorganizzaz-

zjoni tal-persunal tagħha. Madankollu, il-Kummissjoni ssostni li dawk iċ-ċirkustanzi jikkonfermaw it-teżi li tgħid li deċiżjoni favorevoli għar-rikorrent ma setgħetx ikollha effett prattiku, u għaldaqstant l-appell tiegħu huwa mingħajr skop fil-kwistjoni.

30 Ir-rikorrent isostni li l-appell inċidentali tal-Kummissjoni huwa inammissibbli, minħabba li s-sentenza kkontestata ma tippreġudikax lill-Kummissjoni, għaliex l-appell ġie miċħud bħala mhux fondat.

31 Fuq il-mertu, ir-rikorrent isostni, l-ewwel nett, li l-appell inċidentali ma jistax jiġi milqugħ, minħabba li l-Kummissjoni ma wrietx li l-kawża hija mingħajr skop fil-kwistjoni.

32 Huwa jikkunsidra li, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, wara l-irtirar tas-Sur Naqvi, huwa ma ġabx dak kollu li ried mill-annullament tad-deċiżjoni taċ-ċaħda tal-kandidatura u dik tad-deċiżjoni tal-ħatra.

33 Barra minn hekk, anki jekk huwa seta' jippreżenta l-kandidatura tiegħu matul it-tieni proċedura ta' selezzjoni, din ma setgħetx tneħħi l-irregolarità tad-deċiżjonijiet ikkontestati.

34 It-tieni nett, ir-rikorrent jikkunsidra li l-Kummissjoni tillimita eċċessivament il-kunċett ta' interess li wieħed jaġixxi billi tevita l-kwistjoni ta' l-interess tar-rikorrent li jikseb sentenza dwar l-illegalità tal-proċedura, minn naħa, u min-naħa l-oħra, dwar l-illegalità tad-deċiżjoni ta' ċaħda tal-kandidatura, sabiex dawn l-illegalitajiet ma jerġgħux iseħħu fil-futur.

35 Ir-rikorrent isostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza sempliċement applikat ġurisprudenza kostanti, billi ddeċidiet fil-punt 19 tas-sentenza kkontestata, li l-kawża kienet żammet l-iskop tagħha.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Fuq l-ammissibbiltà ta' l-appell inċidentali

36 Skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 56 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, jista' jitressaq appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja minn kull parti li tkun tilfet parzjalment jew għal kollox it-talbiet tagħha.

37 F'dan ir-rigward, jirriżulta minn ġurisprudenza kostanti, li appell imressaq kontra sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza huwa ammissibbli safejn din tkun ċaħdet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma minn waħda mill-partijiet kontra kawża, anki jekk il-Qorti tal-Prim'Istanza sussegwentement, fil-bqija tas-sentenza, tkun ċaħdet l-appell bħala mhux fondat (ara s-sentenza tas-26 ta' Frar 2002, Il-Kunsill vs Boehringer, C-23/00 P, Ġabra p. I-1873, punt 50, kif ukoll tat-22 ta' Frar 2005, Il-Kummissjoni vs max.mobil, C-141/02 P, Ġabra p. I-1283, punti 50 u 51).

38 Fil-kawża preżenti, huwa paċifiku li l-Kummissjoni qajmet eċċezzjoni li mhemmx lok għal deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, kif jirriżulta mill-punt 12 tas-sentenza kkontestata, li din l-eċċezzjoni ġiet miċħuda fil-punt 21 ta' din is-sentenza u li l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet l-appell bħala mhux fondat.

39 Issa, biex tevalwa l-ammissibbiltà ta' l-appell inċidentali mressaq kontra sentenza li ċaħdet l-azzjoni fuq il-mertu, mhemmx għalfejn issir distinzjoni bejn il-fatt li l-eċċezzjoni, li tqajmet quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u li tkun ġiet miċħuda minnha, għandhiex l-għan li tiċħad l-azzjoni bħala inammissibbli jew il-fatt li l-kawża m'għandhiex skop. Fil-fatt, dawn huma żewġ kwistjonijiet proċedurali li, jekk jiġu aċċettati, iwaqqfu lill-Qorti tal-Prim'Istanza milli tiddeċiedi fuq il-mertu.

40 Konsegwentement, l-appell inċidentali mressaq mill-Kummissjoni huwa ammissibbli.

Fuq il-mertu ta' l-appell inċidentali

41 Sabiex tiċħad l-eċċezzjoni li mhemmx lok għal deċiżjoni mqajma mill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Prim'istanza ddeċidiet, minn naħa, fil-punt 19 tas-sentenza kkontestata, li l-kawża kienet żammet l-iskop tagħha fis-sens li d-deċiżjoni tal-ħatra kienet ipproduċiet effetti u li d-deċiżjoni ta' ċaħda tal-kandidatura baqgħet tipproduċi effetti. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Prim'Istanza, fil-punt 20 tas-sentenza kkontestata, iddeċidiet li r-rikorrent kien għad kellu interess li jaġixxi sabiex jevita li l-illegalità allegata ma terġax isseħħ ruħha fil-futur fil-kuntest ta' proċedura simili għal dik in kwistjoni.

42 Mill-bidu nett, għandu jiġi mfakkar li l-interess ta' rikorrent li jaġixxi, fid-dawl tas-suġġett fir-rikors, għandu jkun preżenti fil-mument li fih jitressaq ir-rikors, u fin-nuqqas ta' dan, dan ikun inammissibbli. Dan is-suġġett fil-kwistjoni, bħal l-interess li taġixxi, irid jissussisti sad-deċiżjoni finali, u fin-nuqqas ta' dan, ma jkunx hemm lok għal deċiżjoni, li tissupponi li l-appell jista', jekk dan jirnexxi, ikun ta' vantaġġ lill-parti li tkun ressqet dan l-appell (ara, f'dan is-sens, is-sentenza ta' l-24 ta' Ġunju 1986, AKZO Chemie vs Il-Kummissjoni, 53/85, Ġabra p. 1965, punt 21, kif ukoll, b'analoġija, is-sentenzi tad-19 ta' Ottubru 1995, Rendo *et* vs Il-Kummissjoni, C-19/93 P, Ġabra p I-3319, punt 13, u tat-13 ta' Lulju 2000, Il-Parlament vs Richard, C-174/99 P, Ġabra, p. I-6189, punt 33).

43 Issa, jekk l-interess tar-rikorrent sabiex jaġixxi ma jibqax hemm matul il-proċedura, deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza fuq il-mertu ma tistax tkun ta' benefiċċju għalih.

44 F'dan il-każ huwa konstanti li, meta r-rikorrent ippreżenta r-rikors, huwa kellu interess li jaġixxi, minħabba li d-deċiżjonijiet ikkontestati kienu ta' preġudizzju għalih (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-27 ta' Novembru 1984, Bensider *et* vs Il-Kummissjoni, 50/84, Ġabra p. 3991, punt 8, kif ukoll tat-18 ta' April 2002, Spanja vs Il-Kunsill, C-61/96, C-132/97, C-45/98, C-27/99, C-81/00 u C-22/01, Ġabra p. I-3439, punt 23). Għaldaqstant, l-appell tiegħu kien ammissibbli.

45 Madankollu, minħabba t-tieni proċedura ta' selezzjoni, organizzata wara l-irtirar tal-post tas-Sur Naqvi, id-deċiżjonijiet ikkontestati ma baqgħux fis-seħħ mid-data tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza.

46 Fil-fatt, kif sostniet l-Avukat Ġenerali fil-punt 41 tal-konklużjonijiet tagħha, din it-tieni proċedura ta' selezzjoni neħħiet l-effetti tad-deċizjonijiet ikkontestati fil-konfront tar-rikorrent. Din id-deċiżjoni kienet inseparabbli mid-deċiżjoni ta' ċaħda tal-kandidatura, u peress li d-deċiżjoni ta' ċaħda tal-kontestazzjoni kkonfermat dawn iż-żewġ deċiżjonijiet, it-tieni proċedura ta' selezzjoni serviet sabiex dawn iż-żewġ deċiżjonijiet ma jipproduċux effetti fil-konfront tar-rikorrent.

47 Madankollu, il-fatt li d-deċiżjonijiet ikkontestati ma baqgħux fis-seħħ, u li dan ġara wara li tressaq l-appell, ma jfissirx, minnu stess, li l-Qorti tal-Prim'Istanza kellha l-obbligu li tiddeċiedi li mhemmx lok għal deċiżjoni minħabba li mhemmx skop għall-kawża jew minħabba li mhemmx interess li wieħed jaġixxi fid-data li tingħata s-sentenza.

48 L-ewwel nett, għandu jiġi kkonstatat li meta l-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet, l-iskop tal-kawża kien għadu jissussisti, minħabba li d-deċiżjonijiet ikkontestati ma ġewx irtirati mill-Kummissjoni.

49 Għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament iddeċidiet, fil-punt 19 tas-sentenza kkontestata, li l-kawża kien għad kellha skop.

50 It-tieni nett, jirriżulta minn ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja li r-rikorrent jista' wkoll ikollu interess li jitlob l-annullament ta' att ta' istituzzjoni Komunitarja sabiex jevita li l-allegat preġudizzju subit ma jseħħx fil-futur (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Marzu 1979, Simmenthal vs Il-Kummissjoni, 92/78 Ġabra p. 777, punt 32; AKZO Chemie vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 21, u Apesco vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 16).

51 Interess li taġixxi bħal dan jirriżulta mill-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 233 KE, li jgħid li l-istituzzjonijiet li l-atti tagħhom ġew iddikjarati nulli għandhom ikunu marbuta li jieħdu l-miżuri neċessarji biex jikkonformaw ruħhom mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Simmenthal vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 32, u tal-5 ta' Marzu 1980, Könecke vs Il-Kummissjoni, 76/79, Ġabra P. 665, punt 9).

52 Madankollu, dan l-interess li taġixxi jista' jissussisti biss jekk l-illegalità tkun tista' tirriproduċi ruħha fil-futur indipendentement miċ-ċirkustanzi tal-każ li taw lok għall-appell imressaq mir-rikorrent.

53 Fil-punt 20 tas-sentenza kkontestata, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li r-rikorrent kellu interess li jaġixxi u jikseb sentenza li tikkonċerna l-legalità tal-proċedura ta' selezzjoni in kwistjoni sabiex l-illegalità allegata ma tirrepetix ruħha fil-kuntest ta' proċedura simili fil-futur.

54 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Prim'Istanza bbażat ruħha fuq il-motiv li kien invokat mir-rikorrent, li kien jirriżulta mill-illegalità tal-proċedura ta' selezzjoni minħabba l-preselezzjoni tal-kandidati kif kien imniżżel fin-nota tad-direttur ġenerali. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li kien possibbli li d-direttur ġenerali seta' kellu l-istess rwol fi proċedura ta' selezzjoni ulterjuri u simili.

55 Għaldaqstant, għandu jiġi stabbilit jekk l-illegalità allegata mir-rikorrent f'dan il-każ u li dwarha l-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li seta' jkun hemm possibbiltà ta' eżistenza ta' interess li taġixxi, tistax tirrepeti ruħha fil-futur indipendentement miċ-ċirkustanzi tal-każ li taw lok għas-sentenza kkontestata.

56 Fil-fatt, kif sostniet l-Avukat Ġenerali fil-punt 45 tal-konklużjonijiet tagħha, id-deċiżjonijiet dwar l-uffiċjali ma jiġux irripetuti mekkanikament bl-istess manjiera, fis-sens li kull deċiżjoni hija unika u tiddependi mill-evalwazzjoni tal-kwalitajiet tal-kandidati u ta' l-eżiġenzi ta' l-avviż għall-post li għandu jimtela, li jistgħu jvarjaw kunsiderevolment minn każ għal ieħor.

57 Madankollu, f'dan il-każ, ir-rikorrent jikkontesta mhux biss l-illegalità tad-deċiżjonijiet ikkontestati, imma wkoll il-proċedura li ntużat sabiex dawn ġew adottati. Fil-fatt, ir-rikorrent isostni li l-proċedura kienet diskriminatorja u konsegwentement, illegali, fiha nnifsha, jiġifieri, indipendentement mill-kontenut tad-deċiżjonijiet ikkontestati. Skond ir-rikorrent, in-nota tad-direttur ġenerali rabtet lis-CCN kif ukoll lill-AIPN, mingħajr ma dawn kienu kapaċi jevalwaw il-kompetenzi rispettivi tal-kandidati li ma kinux magħżula fil-preselezzjoni fl-imsemmija nota.

58 Issa, kif sostniet l-Avukat Ġenerali fil-punt 47 tal-konklużjonijiet tagħha, kuntrarjament għal evalwazzjoni fuq il-mertu tal-kandidaturi differenti għall-avviż ta' post battal, ir-regoli tal-proċedura ta' selezzjoni, li jipprovdu bħal fil-każ preżenti, li l-preselezzjoni magħmula minn direttur ġenerali u li torbot lis-CCN u l-AIPN, jistgħu jirrepetu ruħhom fil-futur fil-kuntest ta' proċeduri simili.

59 Mill-perspettiva tar-rikorrent, il-kwistjoni tal-legalità tar-regoli tal-proċedura ta' selezzjoni għall-avviż għal post battal jirriżultaw li huma rilevanti mill-perspettiva ta' kandidaturi futuri għal post bħal dak f'dan il-każ.

60 Għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament iddeċidiet, fil-punt 20 tas-sentenza kkontestata, li r-rikorrent kien għad kellu interess li jaġixxi.

61 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma wettqitx żball ta' liġi meta ċaħdet, fil-punt 21 tas-sentenza kkontestata, l-eċċezzjoni li m'hemmx lok għal deċiżjoni.

62 Għaldaqstant, għandu jiġi miċħud l-appell inċidentali mressaq mill-Kummissjoni bħala mhux fondat u għandha tingħata deċiżjoni fuq l-appell prinċipali.

## Fuq l-appell prinċipali

*Fuq l-ewwel motiv*

63 L-ewwel parti ta' l-ewwel motiv tar-rikorrent tallega distorsjoni tal-fatti u t-tieni parti tallega żball ta' liġi u motivazzjoni kontradittorja u insuffiċjenti.

Fuq l-ewwel parti

64 Ir-rikorrent isostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza għawġet il-fatti li dehru fin-nota tad-direttur ġenerali.

65 Mill-kummentarju li deher fl-imsemmija nota li tgħid li s-Sur Naqvi "deher [...] partikolarment adatt għall-funzjonijiet ta' konċezzjoni, [ta'] riflessjoni u [ta'] analiżi iktar milli dawk ta' riorganizzazzjoni u t-tmexxija ta' operazzjoni ta' unità kbira", ir-rikorrent jiddeduċi li s-Sur Naqvi ma kellux il-kompetenzi neċessarji sabiex imexxi u jimmotiva unità kbira. Madankollu, skond ir-rikorrent kompetenza bħal din kienet neċessarja għall-post mitlub.

66 F'dan ir-rigward, jirriżulta mill-Artikoli 225 KE u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 58 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-appell huwa limitat għal punti ta' dritt, u li għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza hija l-unika li għandha l-kompetenza li tikkonstata l-fatti, ħlief fil-każ fejn l-ineżattezza materjali ta' l-osservazzjonijiet tagħha tirriżulta mid-dokumenti ta' l-inkartament li jkunu ġew ippreżentati

quddiemha, u li tevalwa dawn il-fatti. L-evalwazzjoni tal-fatti ma tikkostitwix distorsjoni ta' l-elementi ta prova mressqa quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, kwistjoni ta' dritt suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-2 ta' Ottubru 2001, BEI vs Hautem, C-449/99 P, Ġabra p. I-6733, punt 44; kif ukoll tal-21 ta' Settembru 2006, Nederlandse Federatieve Vereniging voor de Groothandel op Elektrnotechnisch Gebied vs Il-Kummissjoni, C-105/04 P, Ġabra p. I-8725, punti 69 u 70; u Technische Unie vs Il-Kummissjoni, C-113/04 P, Ġabra p. I-8831, punti 82 u 83).

67 Skond ġurisprudenza kostanti, allegazzjoni ta' distorsjoni tal-fatti għandha tidher b'mod ċar mid-dokumenti ta' l-ikartament, mingħajr ma jkun meħtieġ li ssir evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi (ara s-sentenzi tas-6 ta' April 2006, General Motors vs Il-Kummissjoni, C-551/03 P, Ġabra p. I-3173, punt 54; tal-21 ta' Settembru 2006, JCB Service vs Il-Kummissjoni, C-167/04 P, Ġabra, p. I-8935, punt 108, u tat-18 ta' Jannar 2007, PKK u KNK vs Il-Kunsill, C-229/05 P, Ġabra p. I-439, punt 37).

68 Madankollu, mill-eżami tan-nota tad-direttur ġenerali ma joħroġx ċar li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet distorsjoni tal-fatti. Fil-fatt, huwa expressament muri li s-Sur Naqvi ssodisfa l-kriterji elenkati fid-deskrizzjoni tal-post li għalih sar l-avviż, li għalhekk serviet sabiex huwa jiġi kklassifikat mal-kandidati li kienu adatti li jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' direttur fil-post mitlub, skond id-direttur ġenerali. Konsegwentement, skond in-nota tad-direttur ġenerali, ma hemm ebda prova li turi li s-Sur Naqvi ma kellux il-kompetenza neċessarja biex jokkupa l-post mitlub.

69 Għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza setgħet tikkonstata, fil-punti 63 sa 68 tas-sentenza kkontestata, mingħajr ma tagħmel distorsjoni tal-fatti li dehru fin-nota tad-direttur ġenerali, li s-Sur Naqvi effettivament issodisfa l-kundizzjonijiet kollha mitluba mill-avviż tal-post, u, b'mod partikolari, li huwa kien kompetenti li jmexxi unità kbira.

70 F'dan ir-rigward, jekk huwa minnu, skond in-nota tad-direttur ġenerali, li l-kapaċità ta' tmexxija, ta' mobilizzazzjoni u ta' superviżjoni ta' unitajiet kbar ikkostitwixxiet kriterju essenzjali, l-użu tat-terminu "b'mod partikolari" li deher fl-imsemmija nota għandha tfisser li jridu jitqiesu l-kompetenzi differenti tas-Sur Naqvi. Il-fatt li ma kienx kompetenti għal dan il-post ma setax ikun fatt deduċibbli.

71 Konsegwentement, l-eżami tan-nota tad-direttur ġenerali ma tirriżultax mill-fatt li l-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet distorsjoni manifesta tal-fatti li dehru f'din in-nota.

72 Għaldaqstant, l-ewwel parti ta' l-ewwel motiv hija inammissibbli.

Fuq it-tieni parti

73 Fit-tieni parti ta' l-ewwel motiv, ir-rikorrent isostni, l-ewwel nett, li kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 32 tas-sentenza kkontestata fid-dawl tan-nota tad-direttur ġenerali, il-motivazzjoni tad-deċiżjoni taċ-ċaħda tal-ħatra ma tippermettix it-tifsira tal-bażi essenzjali. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi meta ċaħdet, fil-punti 28 sa 35 tas-sentenza kkontestata, il-motiv li jirriżulta mill-ksur tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 25 ta' l-Istatut.

74 Għandu jiġi mfakkar, li, skond ġurisprudenza kostanti, jirriżulta mill-Artikolu 225 KE, u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 58 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-

Artikolu 112(1)(c) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, li appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi kkontestati tas-sentenza li tagħha jintalab l-annullament, kif ukoll l-argumenti ġuridiċi li jsostnu b'mod speċifiku din it-talba. Appell li jillimita ruħu li jirrepeti jew jirriproduċi kelma b'kelma r-raġunijiet u l-argumenti li kienu ġew ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, inklużi dawk li kienu bbażati fuq fatti espressament miċħuda minn dik il-Qorti, ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' motivazzjoni li jirriżultaw minn dawn id-dispożizzjonijiet (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-6 ta' Marzu 2003, Interporc vs Il-Kummissjoni, C-41/00 P, Ġabra p. I-2125, punti 15 u 16, kif ukoll tat-22 ta' Jannar 2004, Mattila vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-353/01 P, Ġabra p. I-1073, punti 25 u 26).

75 Madankollu, fil-każ preżenti, sabiex jirribatti l-argument magħmul mill-Qorti tal-Prim'Istanza dwar in-nuqqas ta' ksur tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 25 ta' l-Istatut, fl-appell tiegħu, ir-rikorrent jirriproduċi l-argumenti li huwa invoka f'dan ir-rigward in sostenn ta' l-ewwel motiv tiegħu fir-rikors imressaq quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza. Din ta' l-aħħar, fil-punti 28 sa 35 tas-sentenza kkontestata, ċaħdet dan il-motiv. Appell bħal dan jikkostitwixxi fir-realtà xejn iżjed minn talba għal eżami ieħor ta' l-appell imressaq quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, li, skond l-Artikolu 56 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma jaqax fil-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi ta' l-4 ta' Lulju 2000, Bergaderm u Goupil vs Il-Kummissjoni, C-352/98 P, Ġabra p. I-5291, punt 35, kif ukoll tat-8 ta' Settembru 2003, Volkswagen vs Il-Kummissjoni, C-338/00 P, Ġabra p. I-9189, punt 47).

76 Għaldaqstant, dan l-ilment għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

77 It-tieni nett, ir-rikorrent jakkuża lill-Qorti tal-Prim'Istanza bil-fatt li motivat il-kawża tiegħu b'mod kontradittorju u insuffiċjenti meta ċaħdet l-ewwel motiv tiegħu, fil-punti 28 sa 35 tas-sentenza kkontestata.

78 F'dan ir-rigward, jirriżulta mill-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 36 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, moqri flimkien ma' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 53 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, li s-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza għandhom ikunu motivati, sabiex, minn naħa, jippermettu lill-persuna kkonċernata bis-sentenza tkun taf bir-raġunijiet tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza u, min-naħa l-oħra, sabiex tipprovdi lill-Qorti tal-Ġustizzja b'raġunijiet suffiċjenti sabiex din tkun tista' teżerċita l-istħarriġ tagħha (ara s-sentenza Technische Unie vs Il-Kummissjoni, iċċitata, punt 85 u ġurisprudenza ċċitata).

79 Fil-kawża preżenti, kif sostniet l-Avukat Ġenerali fil-punt 66 tal-Konklużjonijiet tagħha, il-Qorti tal-Prim'Istanza evalwat fid-dettall, fil-punti 28 sa 35 tas-sentenza kkontestata, id-deċiżjoni ta' ċaħda tan-ħatra u wriet fid-dettall u mingħajr kontradizzjonijiet, għalfejn, fil-fehma tagħha, il-Kummissjoni ssodisfat l-obbligu ta' motivazzjoni, kif kellha tagħmel.

80 Il-fatt li l-Qorti tal-Prim'Istanza, fil-mertu, waslet għall-konklużjoni differenti minn dik tar-rikorrent, ma jistax, fih innifsu, jivvizzja s-sentenza kkontestata b'nuqqas ta' obbligu ta' motivazzjoni.

81 Għal dak li għandu x'jaqsam mat-tieni parti, l-ewwel motiv għandu jiġi bħala parzjalment miċħud u bħala parzjalment mhux fondat.

82 Konsegwentement, l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud.

*Fuq it-tieni motiv*

83 Permezz tat-tieni motiv, ir-rikorrent jakkuża lill-Qorti tal-Prim'Istanza li għamlet distorsjoni ta' ċertu fatti u elementi ta' prova u li wettqet żball ta' liġi meta ma annullatx id-deċiżjonijiet ikkontestati minħabba ksur ta' l-Artikoli 7, 29(1)(a) u 45(1) ta' l-Istatut.

Fuq l-ewwel parti

84 Permezz ta' l-ewwel parti tat-tieni motiv tiegħu, ir-rikorrent isostni li l-evalwazzjonijiet magħmula fin-nota tad-direttur ġenerali dwar il-kandidatura tiegħu u dik tas-Sur Naqvi, kienu identiċi, ħlief dawk dwar l-"isfidi tar-riforma". Il-fatt li s-Sur Naqvi kien ikklassifikat, skond in-nota tad-direttur ġenerali, fl-ewwel grupp tal-kandidati abbażi, b'mod partikolari, ta' l-"isfidi tal-post", kien għalhekk evidenti li l-imsemmija sfidi jikkorrispondu fir-realtà għall-"isfidi tar-riforma". Għaldaqstant, fid-dawl tal-fatt li s-sinjifikat tat-terminu "sfidi" ma jistax jiġi mkabbar, il-Qorti tal-Prim'Istanza naqqset l-iskop ta' element essenzjali fil-proċess ta' selezzjoni tal-kandidati. Ir-rikorrent sostna wkoll li l-kriterju deċisiv marbut ma' l-"isfidi tal-post" ma deherx fl-avviż ta' avviż għal post.

85 Għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza, meta kkunsidrat li s-sinjifikat tat-terminu "sfidi" ma kellux jiġi mkabbar u meta ma vverifikatx il-konfomità tal-proċedura ta' l-avviż tal-post, għamlet distorsjoni ta' l-evidenza li kien hemm għad-dispożizzjoni tagħha.

86 F'dan ir-rigward, kif sostniet l-Avukat Ġenerali fil-punt 74 tal-Konklużjonijiet tagħha u kif ġustament sostniet il-Kummissjoni, għandu jiġi kkunsidrat li r-rikorrent jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tanalizza l-evalwazzjonijiet fattwali li għamlet il-Qorti tal-

Prim'Istanza u li dawn, skond ġurisprudenza kostanti li għaliha sar riferiment fil-punt 66 tas-sentenza preżenti, jaqgħu esklużivament fil-kompetenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, ħlief fil-każ meta l-ineżattezza materjali tal-konstatazzjonijiet tirriżulta mid-dokumenti ppreżentati quddiemha u fejn ikun hemm distorsjoni tal-fatti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.

87 Madankollu, ir-rikorrent ma pproduċiex evidenza li d-dokumenti f'dan il-każ juru l-ineżattezza materjali ta' l-argumenti magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza jew distorsjoni tal-provi minnha.

88 Il-Qorti tal-Prim'Istanza, f'kull każ, tikkunsidra, fil-punt 55 tas-sentenza kkontestata li t-terminu "sfidi" għandu l-oriġini tiegħu fin-nota tad-direttur ġenerali u li l-iskop ta' dan it-terminu ma jistax jiġi mkabbar, peress li dan ta' l-aħħar jikkostitwixxi unikament l-espressjoni ta' l-opinjoni tad-direttur ġenerali f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwalitajiet personali tal-kandidati u mhux ta' introduzzjoni ta' kriterju ġdid meta mqabbel ma' l-avviż tal-post. Issa, din l-evalwazzjoni, purament fattwali, taqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza li fil-każ preżenti ma eċċedietx il-poteri tagħha sabiex tevalwa l-fatti u l-evidenza.

89 F'dak li għandu x'jaqsam mal-kriterju ta' sfidi għal riforma, għandu jiġi miżjud li l-Qorti tal-Prim'Istanza sostniet, fil-punti 57 u 58 tas-sentenza kkontestata, li l-eżiġenza li l-kandidati kellhom ikollhom il-kapaċità li jmexxu r-riforma rriżultat b'mod ċar mill-parti deskrittiva tal-post assenjat kif deher fl-avviż għall-post. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent ma ressaqx provi li juru li din il-konklużjoni kienet ivvizzjata b'ineżattezza materjali fid-dawl ta' dokumenti jew li l-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet distorsjoni tal-fatti.

90 Għaldaqstant, għal dak li għandu x'jaqsam mat-tieni parti, it-tieni motiv huwa inammissibbli.

Fuq it-tieni parti

91 Permezz tat-tieni parti tat-tieni motiv tiegħu, ir-rikorrent jirrifjuta l-evalwazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 54 tas-sentenza kkontestata, li l-poter tad-direttur ġenerali għall-finijiet ta' preselezzjoni tal-kandidati ma effettwatx l-indipendenza tas-CCN. Ir-rikorrent jikkunsidra li s-CCN kienet, *de facto*, marbuta bl-avviż tad-direttur ġenerali, minħabba li ebda element fattwali ma ppermetta li hu jirrevedi l-analiżi tad-direttur ġenerali u li jiġu preselezzjonati kandidati oħra. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma tatx importanza lill-influwenza tad-direttur ġenerali waqt il-preselezzjoni wara li saret il-proċedura ta' selezzjoni quddiem is-CCN. Din l-influwenza tidher, fil-każ preżenti, mill-fatt li l-Kumitat Konsultattiv stieden għall-intervista lill-kandidati li kienu tqiegħdu fl-ewwel grupp skond in-nota tad-direttur ġenerali.

92 F'dan ir-rigward, filwaqt li huwa possibbli li fil-kuntest ta' appell jistgħu jitqajmu punti oħra ta' dritt li kienu ġew eżaminati fl-ewwel istanza (ara s-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2006, Koninklijke Coöperatie Cosun vs Il-Kummissjoni, C-68/05 P, Ġabra p. I-10367, punt 55, u ġurisprudenza ċċitata), bħalma hi, f'dan il-każ, ir-regolarità tat-tmexxija tal-proċedura ta' selezzjoni, l-argumenti ġuridiċi li jservu ta' sostenn fl-appell, għandhom madankollu, f'każ bħal dan, jiġu indikati b'mod speċifiku. Issa, dan ir-rekwiżit mhuwiex neċessarju meta l-appell jirrepeti ruħu jew jirriproduċi testwalment il-motivi u l-argumenti li kienu invokati diġà quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza mingħajr ma kellhom motivazzjoni li kellha l-għan li tidentifika żball ta' liġi li jivvizzja s-sentenza taħt appell (ara s-sentenza Koninklijke Coöperatie Cosun vs Il-Kummissjoni, iċċitata, punt 54).

93 Issa, fil-każ preżenti, għandu jiġi kkonstatat, kif sostniet l-Avukat Ġenerali fil-punt 78 tal-Konklużjonijiet tagħha, li r-rikorrent qiegħed biss jirrepeti l-argument li kien diġà qajjem quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, kif jidher ċar mill-punt 39 tas-sentenza kkontestata, mingħajr ma jinkludi argument li jidentifika l-iżball ta' liġi li allegatament jivvizzja s-sentenza taħt appell.

94 Għaldaqstant, għal dak li għandu x'jaqsam mat-tieni parti, it-tieni motiv huwa inammissibbli.

95 Għaldaqstant, it-tieni motiv għandu jiġi kompletament miċħud.

96 Jirriżulta, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti, li l-appell ta' J. Wunenburger għandu jiġi kompletament miċħud.

**Fuq l-ispejjeż**

97 Skond l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura ta' appell skond l-Artikolu 118 ta' l-istess Regoli, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Skond l-Artikolu 70 ta' dawn ir-Regoli, fil-kawżi bejn il-Komunitajiet u l-impjegati tagħhom, l-istituzzjonijiet għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom. Madankollu, skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 122 ta' dawn l-imsemmija Regoli, l-Artikolu 70 mhuwiex applikabbli fil-każ ta' appell imressaq minn uffiċjal jew impjegat ieħor ta' istituzzjoni kontra l-istess istituzzjoni.

98 Peress li J. Wunenburger tilef l-appell prinċipali, hemm lok li huwa jiġi ordnat ibati l-ispejjeż relatati miegħu, kif mitlub mill-Kummissjoni. Peress li l-Kummissjoni tilfet l-appell inċidentali tagħha, hemm lok li hija tiġi ordnata tbati l-ispejjeż relatati miegħu, kif mitlub minn J. Wunenberger.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi

1) **L-appell prinċipali u l-appell inċidentali huma miċħuda.**

2) **J. Wunenburger huwa kkundannat ibati l-ispejjeż ta' l-appell prinċipali.**

3) **Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tbati l-ispejjeż ta' l-appell inċidentali.**

Firem